# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

**Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (*melit*)**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**

**Douglas Brifa**

Il-Qorti, wara li rat l-imputazzjonijiet fil-konfront ta` **Douglas Briffa** detentur tal-karta tal-identita bin-numru 49891M li permezz tagħhom huwa ġie akkużat talli fil-5 ta' Gunju, 2016 ghal habta ta' 19.45 hrs gewwa Triq il-Missjoni Taljana, Kalkara;

1. Insulenta, hedded jew ingurja jew bi kliem jew b'mod iehor lil Jolene Cordina;
2. Ikkommetta att ta' vjolenza domestika meta volontarjament hedded bi kliem lil ex partner tieghu Jolene Cordina liema theddid

jinkludi ommissjoni li tikkaguna hsara fizika jew morali lil imsemmija Jolene Cordina;

3. Akkuzat ukoll talli fl-istess cirkostanzi hebb ghal Jolene Cordina fejn ikkagunalha griehi ta' natura hafifa skont ma ccertifika Dr. Jennifer Psaila MD med Reg 3500 ta' Paola Health Centre;
4. U aktar talli fl-istess data u granet qabel bl-imgieba tieghu kkaguna biza lil Jolene Cordina biza li ser tintuza vjolenza kontra taghha u jew kontra l-proprjeta' taghha jew kontra l-persuna u jew l-proprjeta' ta' xi hadd mill-axxendenti dixxendenti ahwa subien jew bniet jew xi persuni ohra msemmija fl-Art. 222 (1) tal-Kodici Kriminali.

Rat id-dokumenti ezibiti;

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur li kkonferma l-imputazzjonijiet;

Semghet lill-imputat jiddikjara li ma kienx hati taghhom

Semghet il-provi prodotti;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

***Ikkunsidrat : -***

Illi mill-assjem tal-provi prodotti l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova l-ewwel tliet imputazzjonijiet sal-grad rikjest mill-Ligi. Mhux l-istess pero jista' jinghad fir-rigward tar-raba' imputazzjoni.

## *DECIDE :*

Li wara li rat l-Artikoli 214, 221(1) u 339(1)(e) tal-Kodici Kriminali kif ukoll l-Artikolu 2 tal-Kap 481 tal-Ligijiet ta' Malta filwaqt li ma ssibx lill-imputat hati tar-raba imputazzjoni u minnha tilliberah minn kull htija u piena dwarha fil-waqt li ssibu tal-ewwel tliet imputazzjonijiet u tikkundannah ghal tlett xhur prigunerija izda wara li rat l-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali tordna li din is-sentenza ma ghandhiex tibda fis-sehh ghajr hlief jekk l-imputat jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija fi zmien sena millum u dan wara li l-Qorti kompetenti tkun ai termini tal-Artikolu 28B tal-Kodici Kriminali ordnat li din is-sentenza ghandha tigi fis-sehh.

Ai termini tal-Artikolu 28A(4) tal-Kodici Kriminali l-Qorti spjegat bi kliem li jinftiehem lill-hati r-responsabbilita tieghu imnissla mill-Artikolu 28B tal-Kodici Kriminali fil-każ li huwa jikkommetti reat iehor li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija fil-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Inoltre wara li rat l-Artikolu 383 tal-Kodici Kriminali il-Qorti, sabiex tipprovdi ghas-sigurta ta' Jolene Cordina u kif ukoll sabiex tipprovdi

ghas-salvagwardja tal-pubbliku bon-ordni qeghda torbot lil hati taht obbligazzjoni tieghu personali ghal perjodu ta' sena taht penali ta' elfejn euro (E2000).

***Mogħtija illum is-7 ta' Dicembru, 2016 fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.***

***Aaron M. Bugeja***